Il-kriżi fis-Sirja tmur għall-agħar



L-Arċisqof Ortodoss Sirjan Selwanos quddiem il-qerda f'Homs.

Fil-bidu tas-sena 2015 il-Kristjani Assirjani, fit-tramuntana tas-Sirja, ħarbu biex isalvaw mill-qilla tal-Istat Iżlamiku (IS) meta ħatfu l-irħula tagħhom – 100 sena wara li l-bużnanniet tagħhom ħarbu lejn is-Sirja, biex jeħilsu l-mewt.

Fl-1915 l-antenati tagħhom bnew dawn il-villaġġi wara li ħarbu mit-Turkija Ottomana waqt il-ġenoċidju tal-Kristjani Armenjani, Assirjani u Griegi.

L-IS keċċew 'il fuq minn 1,200 familja Kristjana mill-villaġġi, u ġegħluhom ifittxu kenn f'ibliet fil-qrib bħal Hassake.

Xi rħula issa ġew liberati – iżda sa 300 Kristjan għadhom miżmuma ostaġġi. Għalkemm l-IS ħelsu 21 minnhom, rapporti jgħidu li l-IS qatlu xi wħud ukoll.

Saħansittra qabel il-kriżi attwali, l-Aid to the Church in Need kienet qed tgħin lill-Kristjani fqar ta' Hassake – qed tgħin b'€394,000.00 b'għajnuna t'emerġenza ('fuel', żejt, gass, elettriku, spejjeż ta' kera) u għajnuna medika għall-familji mxerrda f'Hassake u f'Aleppo.

Suor Annie Demerjian, li tieħu ħsieb l-għajnuna li tibgħat l-Aid to the Church in Need, qalet: "Il-familji f'Hassake huma fi bżonn kbir. Qed jgħixu mingħajr dawl u ilma għal ġranet sħaħ. Ħafna minnhom saħansittra lanqas qed ikollhom biżżejjed x'jieklu. Hassake sfat belt minsija."

Madanakollu Suor Annie Demerjian irringrazzjat lill-benefatturi tal-Aid to the Church in Need għall-appoġġ kbir tagħhom: **"Mingħajr il-benefatturi tal-Aid to the Church in Need ma kienx ikun possibli nwettqu l-ħidma li għamilna. Nitlob 'l Alla jberikkom."** ●

Ngħinu lill-Knisja **ppersegwitata**

Aid to the Church in Need Malta 39b, Mdina Road, Attard, ATD 9038

Aid to the Church in Need (Malta)

Prayer • Information • Action

Persuni bi bżonnijiet speċjali maqbuda fil-qalba tal-gwerra

Waqt li l-gwerra tkompi bla heda, 'L'Arche' f'Damasku, qed tkompli tieħu ħsieb lill-persuni bi bżonnijiet speċjali.

Id-Direttriċi taċ-Ċentru, Ghada Touma, qaltilna: " 'L'Arche' tirsisti biex tipprovdi l-aqwa appoġġ għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, nies li kienu fdati lilna... iżda l-kontinwità t'attivitajiet tagħna jiddependu fuq id-donazzjonijiet – li sofrew ħafna minħabba din il-kriżi."

'L'Arche' minbarra li tipprovdi kura residenzjali, tagħti appoġġ ukoll lil dawk li jgħixu mal-familji tagħhom. Is-Sinjura Touma qalet "Għalkemm il-ġlied dejjem qed jasal aktar viċin tagħna, u qed niffaċjaw nuqqas ta' riżorsi finanzjarji, dan ma waqqafniex biex nieħdu ħsieb persuni oħra bi bżonnijiet speċjali li ħarbu biex isibu kenn mill-ġlied fejn kienu jgħixu." **L-Aid to the Church in Need għenet biex din l-Għaqda tkompli twettaq il-ħidma tagħha ma' dawn ħutna bi bżonnijiet speċjali biex jgħixu bid-dinjità li jixirqilhom.** ●



F'Damasku nies bi bżonnijiet speċjali qed jingħataw l-għajnuna mill-Komunità lokali ta' 'L'Arche'.

Il-bombi **għadhom** nežlin



Id-devastazzjoni li n-nies t'Aleppo qed jgħixu fiha tidher ċara f'dan ir-ritratt meħud b'mowbajl.

© ACN / Arċidjoċesi Melkita t 'Aleppo

Suor Annie qed tgħin lill-familji sofferenti fis-Sirja.

Ħafna bombi niżlu fil-kwartieri ta' Sulaymaniyah, f'Aleppo. Aktar minn 20 ruħ sfaw maqtula waqt dan il-bumbardament fil-kwartieri Kristjani.

Suor Annie Demerjian tas-Sorijiet ta' Ġesù u Marija, qalet lill-Aid to the Church in Need: "Jumejn ilu, madwar 165 familja telqu mill-belt wara li 40 bomba niżlu fuq Aleppo."

Is-sitwazzjoni ta' Suor Annie hi prekarja mmens: "Il-bieraħ, bomba waqgħet fuq il-kċina u bil-providenza t'Alla għadna ħajjin. Xi twieqi biss inkissru."

"Tlifna ħafna nies li konna nafu, ħafna nies qed jgħaddu minn biża kbir u dawn huma nies li konna nafuhom mill-qrib. Bosta nies minn Sulaymaniyah u Telfon telqu minn djarhom jew minħabba li djarhom sfaw meqruda, inkella għax ġarrbu ħsarat kbar."

Suor Annie tgħid li ċ-ċittadini t'Aleppo wrew kuraġġ kbir minkejja li għaddew minn traċedji personali.

"F'dawn l-aħħar tliet snin soffrew ħafna aktar minn ħafna nies oħra għax tilfu kull ma kellhom. Il-provista tal-ilma u tas-servizz tal-elettriku m'għadhomx jaħdmu, imma n-nies għadhom qed jippersistu. Dan hu t'eżempju għalina lkoll. "

Fost dan l-inkwiet, Suor Annie u t-'team' tagħha baqgħu jgħinu lil dawk li tilfu kollox.

"F'dan il-mument qed ngħinu madwar 600 familja billi nipprovdulhom ħwejjeġ, ikel, gass u dak kollu li għandhom bżonn biex jgħixu b'dinjità. Dan hu biss possibli bl-għajnuna tal-Aid to the Church in Need."

"Għan-nom tat-'team' u l-familji nieħdu din l-opportunità biex nirringrazzjawkom għas-support u l-għajnuna li tagħtuna. Kull ma nistgħu noffrulkom huwa t-Talb tagħna u r-ringrazzjamenti lil dawk kollha li qed jikkontribwixxu biex ikunu ta' solliev għan-nies tagħna li qed ibgħatu minħabba l-gwerra."

Hi tenniet: "Jien profondament kommossa bl-għajnuna li qed tagħtuna. Nitlob 'l Alla jberikkom. Tabilħaqq aħna maqgħudin magħkom fil-Qalb ta' Kristu u ta' Marija." ●



Il-Kristjani Assirjani ħarbu minn djarhom mill-belt ta' Hassake hekk kif il-grupp estremist li jsejjaħ lilu nnifsu l-Istat Iżlamiku ħataf il-villaġġi tagħhom. L-Aid to the Church in Need tittama li tipprovdi aktar minn €140,000.00 f'aktar għajnuna t'emerġenza għal dawn il-familji refuġjati fqar. Jekk jogħġobkom għinuna biex nilħqu dan l-għan.

© ankawa.com

Irridu nwasslu l-għajnuna mit-territorju okkupat **mill-IS**

Suor Annie Demerjian li hi bbażata f'Aleppo, li taħdem flimkien ma' Saċerdot Ortodoss, torganizza wkoll għajnuna għal Hassake li hi 200 mil 'il bogħod lejn il-Grigal. Din ir-rotta tgħaddi mit-territorju okkupat mill-IS u li hija ta' periklu kbir għall-Kristjani biex imorru hemm minn Aleppo.

Matul ix-xitwa 2014-2015 waslu biex kisbu ż-żejt biex isaħħnu madwar 100 dar ta' familji Kristjani, kif ukoll provvisti essenzjali oħra, inkluż l-ikel.

Iżda mhux faċli li tibgħat għajnuna minn Aleppo: "Is-sena li għaddiet tqarraqna. Ridna nibgħatu aktar minn 600 ġakketta għat-tfal u ż-żgħażagħ b'tal-linja għal Hassake iżda ġejna mwissija li l-IS setgħu jikkonfiskawlna kollox jekk jindunaw li dawn l-affarijiet ġejjien mill-Kristjani għall-Kristjani. Għalhekk sibna l-għajnuna ta' ħbieb Musulmani li fuq in-nota tal-konsenja niżżlu isem ta' Musulman bħala min qed jibgħat u isem ta' Musulman bħala min jirċievi. Din is-sistema ħadmet!" ●



Kristjani ta' diversi Knejjes qed jaħdmu flimkien biex jgħinu l-Komunità Kristjana ta' Hassake li għaddejja minn sofferenzi kbar.

www.acnmalta.org/syria-crisis



L-Arċisqof Jeanbart jara l-ħsarat li ġarrab il-kwartier Kristjan f'Aleppo.

"Kull fejn tħares tara l-gwaj tal-gwerra"

Fr. Andrzej Halemba, il-Kordinatur tal-ACN għall-proġetti fil-Lvant Nofsani.

Il-Kristjani fis-Sirja qed isaqsu għall-Aid to the Church in Need – nitolbukom tgħinuhom biex jibqgħu ħajjin.

Sr. Annie u dawk li qed jaħdmu magħna fil-proġetti li qed inwettqu fis-Sirja, allarmawna bis-sitwazzjoni nkwetanti li jinsabu fiha l-familji mxerrda u r-refuġjati minħabba l-istess kunflitt.

L-Aid to the Church in Need qed twieġeb b'għajnuna t'emerġenza, bis-saħħa wkoll tas-sħab fil-proġett f'Aleppo, Homs u fil-Wied tal-Kristjani (Valley of the Christians), peress li dawn huma ftit mill-postijiet li l-Kristjani jħossuhom sikuri.

Fr. Andrzej Halemba, il-Kordinatur tal-ACN għall-proġetti fil-Lvant Nofsani, wasal lura mis-Sirja x-xahar li għadda b'aktar aħbarijiet koroh dwar is-sitwazzjoni tal-Kristjani.

Iżda minkejja dan, Fr. Halemba sab ukoll it-tama. Qalilna "Kont sorpriż bil-ferħ li wrew il-51 tifel u tifla li rċevew l-Ewwel Tqarbina fil-belt antika ta' Homs" .

Ġentilment nitolbukom tgħinuna b'kull mod li tistgħu sabiex il-Kristjani Sirjani jegħlbu dawn iż-żminijiet tant perikoluži.

B'urġenza għandhom bżonn:

- **Ikel**
- **Ilma**
- **Mediċini**
- **Kenn**
- **Ħwejjeġ**
- **Kutri**
- **Saqqijiet**



Tfal jitolbu għall-paċi f'Homs. Irridu nagħmlu dak kollu li nistgħu biex insalvaw lill-Kristjani fis-Sirja.

Aħsbu fina speċjalment fit-Talb tagħkom

Saċerdoti fis-Sirja appellaw għat-Talb tagħna b'mod speċjali għal Fr. Jacques Mourad u l-kollega tiegħu. Mill-bidu tal-kriżi fis-Sirja, Fr. Jacques iddedika ħajtu jieħu ħsieb familji maħruba – kemm dawk Musulmani kif ukoll Kristjani. B'suċċess, huwa wkoll innegozja għall-ħelsien ta' numru ta' Kristjani maħtufa minn l-hekk imsejħa l-Istat Iżlamiku (IS) u estremisti oħra.



Nitolbu għal Fr Jacques Mourad li ġie maħtuf ġewwa s-Sirja.

Fr. Halemba, kien qed jittama li jiltaqa' ma' Fr. Jacques fil-Monasteru tiegħu f'Mar Musa waqt li kien qed iwettaq xogħol fis-Sirja, iżda Fr. Jacques laħaq ġie maħtuf. Fr. Halemba qal: "Ninsabu imħassba ħafna għas-sigurtà tiegħu. Fr. Jacques wettaq opri kbar ħafna biex jerġa' jiżra' t-tama fost dawk li tilfu kollox. Jekk jogħġobkom nitolbu għalih."

Saċerdoti oħra maħtufa fis-Sirja li għad mhux magħruf fejn jinsabu huma:

- **L-Isqof Ortodoss Grieg kif ukoll dak Ortodoss Sirjan t'Aleppo Yohanna Ibrahim u Boulos Yazigi.**
- **Is-Saċerdot Kattoliku Grieg Fr. Hassan Tabara**

Nitolbukom tkomplu titolbu għas-Saċerdoti fis-Sirja għax ta' spiss ikollhom iħallsu prezz għoli ħafna biex iżommu l-Knisja ħajja u magħquda.

Kampanja ta' Talb b'risq il-Kristjani ppersegwitati

Fuq xewqa kbira tal-Papa Franġisku l-Aid to the Church in Need (Malta) tixtieq tħeġġeġ lil kulħadd biex fit-Talb tagħhom jiftakru f'tant Kristjani ppersegwitati madwar id-dinja, speċjalment f'ċerti pajjiżi, li qegħdin ibgħatu u għaddejin minn żminijiet diffiċli minħabba t-twemmin tagħhom fi Kristu.

Dawk li jixtiequ jkunu jafu aktar dwar dawn ħutna huma mitluba jċemplu fuq **21487818** jew jibagħtulna email fuq **info@acnmalta.org**

Il-Mulej ibierek li dawk kollha li jingħaqdu magħna f'din il-Kampanja ta' Talb.

Attivitajiet **tal-ACN**

Il-Film 'Of Gods and Men'
Is-Sibt, 18 ta' Lulju 2015 fit-8.00p.m.
Parroċċa 'Qalb bla Tebgħa ta' Marija' - Burmarrad

Pellegrinaġġ għal-Lourdes
Inżuru Pau, San Savin, Lake Artouste, Biarritz, Ibardin u San Jean De Luz. Prezz €579 għal kull persuna f'kamra doppja fuq bażi 'Full Board' ġo 3-Star Hotel f'Lourdes.
Data: L-Erbgħa, 2 ta' Settembru sat-Tlieta, 8 ta' Settembru 2015

Għal aktar dettalji jekk jogħġbok ċempel 21487818 jew ibgħatilna email fuq info@acnmalta.org

Aid to the Church in Need (Malta)
Prayer • Information • Action



Għajnuna urġenti tingħata lill-familji mxerda fil-Wied tal-Kristjani

Għadhom qed ifitxxu kenn fil-Wied tal-Kristjani

"Mijiet ta' familji, partikolarment familji Kristjani, ħarbu biex ifittxu kenn fir-reġjuni tal-kosta u fil-Wied tal-Kristjani, fosthom f'Homs.

"Huma tilfu kollox u għandhom bżonn kollox: kenn, kutri, saqqijiet, ħwejjeġ, fost affarijiet oħra ta' bżonn. Uħud mill-morda fost ir-refuġjati jiddependu fuq il-mediċini," qal Fr. Ziad Hilal lill-Aid to the Church in Need.

Bħalissa l-Aid to the Church in Need qed tgħin 2,000 familja fil-Wied tal-Kristjani u 2,000 oħra f'Homs li lkoll jiddependu mill-għajnuna tal-Knisja, għal kull tip ta' bżonn. Grazzi għall-imħabba tagħkom konna kapaċi ngħinu lil Fr. Ziad b'€796,000.00 biex ikompli jwettaq din il-ħidma b'risq dawn il-familji tant fil-bżonn.

Biss, dan is-Saċerdot Ġiżwita qed jistenna aktar refuġjati minħabba li qed tiżdied il-vjolenza f'Hassake, Raqqua u Aleppo. Hu qal "Ħafna familji qed jitkissru. Iltqajt ma' familja fejn il-missier għadu Aleppo waqt li l-omm u t-tfal irnexxilhom jaħarbu. Bħalissa n-nies qegħdin f'sitwazzjoni kerha ħafna."

Nitolbukom tgħinuna sabiex ngħinu aktar familji li qed jaħarbu bit-tama li jibqgħu ħajjin. ●



L-Arċisqof Jean-Clement Jeanbart waqt il-purċissjoni tal-Għid – hu u jipprova jgħin biex il-ħajja tibqa' għaddejja normali kemm jista' jkun.

Grazzi

L-Arċisqof Jean-Clement Jeanbart, Arċisqof tal-Knisja Melkita t'Aleppo, jirringrazzja lill-benefatturi tal-Aid to the Church in Need għal dak kollu li qed tagħmlu:

"Grazzi għal dak kollu li għamiltu magħna. Aħna nitolbu għalikom u nitolbu 'l Alla jberikkom u jbierek kull wieħed u waħda minnkom, intom li qed tgħinu lill-Knisja fis-Sirja.

"U jien qatt ma nsejt, għax nibqa' niftakar x'qal Ġesù Kristu: "Min jagħtikom tazza ilma x'tixorbu għax intom tal-Messija, ngħidilkom is-sewwa li ma jibqax mingħajr il-ħlas tiegħu" (Mk 9, 41). "Dak li qed tagħmlu intom, tagħtu tazza ilma – u ftit aktar – u Alla jara dan u ċertament jagħtikom il-ħlas tiegħu.

"Nitlob lill-Mulej biex iberikkom u jagħtikom il-ferħ f'ħajjitkom, saħħa, serenità, u jagħtikom ukoll il-ferħ li tkunu miegħu issa u għal dejjem. Ammen." ●

Żomm kuntatt magħna

By Phone **21487818**

Online **www.acnmalta.org**

on Twitter **@acn_malta**

and on Facebook **Aid to the Church in Need Malta**

“Il-bombi għadhom neżlin fuqna kuljum...aħna nitolbu ‘l Alla biex jagħtina l-paċi kemm jista’ jkun malajr..”

L-Arċisqof Jean-Clement Jeanbart, Arċisqof tal-Knisja Melkita t’Aleppo, is-Sirja

Ħbieb,

Kull m’ilu ftit xhur mindu ktibtilkom l-aħħar dwar il-ħidma li qed inwettqu fis-Sirja, iżda f’qasir żmien, il-kundizzjonijiet tal-Kristjani ddeterjoraw serjament.

Il-grupp estremist li jsejjaħ lilu nnifsu l-Istat Iżlamiku qed javvanza b’pass ħafif u qed jokkupa bliet ewlenin fosthom il-belt antika ta ‘ Palmyra, li tinsab 65 mil minn fejn Saċerdot ieħor, Fr. Jacques Mourad safa maħtuf. Aħna konna qed nassistu lil Fr. Jacques. Hu ddedika ħajtu jgħin lill-familji spustjati fil-Monasteru ta’ Mar Musa.

Ħutna l-Kristjani jinsabu f’biżgħa kontinwa – u għandhom bżonn l-għajnuna tagħna aktar minn qatt qabel.

F’dawn l-aħħar tlett snin, minn mindu beda’ l-kunflitt, rajna li mijiet t’eluf ta’ Kristjani ġew spustjati waqt li ħafna oħrajn emigraw fil-pajjiżi viċin bħat-Turkija u l-Lijbanu – li sfortunatament dawn il-pajjiżi għalqu l-fruntieri kollha tagħhom fil-mument li qed nikteb din l-ittra.

Dawk f’Aleppo riċentement ġarrbu l-aġħar attakki. L-Arċisqof Jeanbart, li f’Mejju żar l-uffiċji tal-Aid to the Church in Need tar-Renju Unit, meta rritorna lura lejn Aleppo f’Mejju sab li l-Katidral tiegħu ġie bbumbardjat għal darb’oħra – nirringrazzjaw ‘l Alla li s-Saċerdoti laħqu ħarbu u ma weġġgħa ħadd minnhom.

Skont Sr. Annie Demerjian tas-Sorijiet ta’ Ġesù u Marija, f’Aleppo, il-Kristjani sfaw trawmatizzati minħabba li għaddew minn bumbardamenti qawwija waqt ġlied intens bejn il-gvern u l-forzi ribelli. Hi qalet: **“Dfinna ħafna minn ħutna. Kellna ngħaġġlu biex inlaħħqu minn funeral għall-ieħor. Kienet sitwazzjoni ta’ dwejjaq kbar...”**

Grazzi għall-ġenerożità tagħkom, Sr Annie taf li hi mhux waħedha. L-Aid to the Church in Need qed tkompli tgħin fil-ħidma tal-ministeru tagħha mal-familji fqar. Fir-rapport tagħna ‘Il-kriżi fis-Sirja tmur għall-agħar’, ser taqraw dwar kif il-kompassjoni tagħkom qed issostni lil dawk li tilfu kollox.

Naf li qed nerġgħu nitolbukom għal darb’oħra iżda l-qlub sofferenti ta’ ħutna qanqluni u għalhekk qed nerġa’ nitlob għall-għajnuna tagħkom permezz tat-Talb u l-karità.

Grazzi ħafna għal kull ma tagħmlu – jekk jogħġobkom serħu raskom li kemm intom u l-bżonnijiet tagħkom ser jiġu mfakkra fit-Talb tagħna.

Tagħkom fi Kristu,

Stephen Axisa
Direttur Nazzjonali
Aid to the Church in Need (Malta)

PS: Il-Kristjani fis-Sirja m’għandhom lil ħadd min jgħinhom ħliefna – l-Aid to the Church in Need hi l-unika tama tagħhom.

Nitolbu għall-Kristjani fis-Sirja



Hekk kif il-gwerra fis-Sirja ma taqtax, l-Arċisqof Jeanbart qed jitlobna biex nitolbu **t-Talba lil San Mikiel Arkanġlu.** Inħeġġukom tgħidu din it-Talba sabiex il-Kristjani li qed jiffaċjaw il-periklu jkunu protetti.

Il-kriżi fis-Sirja tmur għall-agħar



Ir-rapport jiffuka fuq is-sitwazzjoni allarmanti li tinsab fiha s-Sirja. Jindika wkoll kif il-Kristjani Sirjani għadhom fit-tama bil-grazzja tal-għajnuna ġeneruża tagħkom. Għal aktar informazzjoni, ‘videos’ u aġġornamenti żur

www.acmalta.org/syria-crisis

Nitolbukom tkomplu tgħinu fil-proġetti ewlenin fis-Sirja

Il-ġlied qalil qered ħafna djar u postijiet li wassal għal ħafna familji Sirjani fil-faqar. Ġentilment nitolbukom tgħinuna nipprovdu n-neċessitajiet bażiċi lil dawk l-aktar fil-bżonn. Aqra aktar fid-dettall kif int tista’ tgħin.

Qasqas hawn

GRAZZI,

Aid to the Church in Need (Malta)
Prayer • Information • Action

f’ isem l-“Aid to the Church in Need (Malta)”

• għad-donazzjonijiet • legati u • offerti oħra

B’din l-għajnuna tal-benefatturi tagħna f’Malta u madwar id-dinja, l-ACN qed:

- tipprovdi sostenitment u mezzi ta’ sopravivenza għal madwar 20,000 Saċerdot;
- tagħti appoġġ lil madwar 18,000 seminarista u reliġjuż/a;
- tqassam madwar 50 miljun Bibbja għat-tfal f’aktar minn 172 lingwa; u
- tgħin ukoll b’mod konkret lill-Missjunarji… Saċerdoti, Reliġjużi u Lajċi Maltin / Għawdxin, f’diversi proġetti li jkollhom bżonn. Dawn qed iwettqu missjoni nobbli fil-Pakistan, fil-Kenja, fl-Albanija, fil-Libja, fil-Ħonduras, fil-Filippini u fl-Etjopja.

Nirringrazzjawk mill-qalb għat-Talb u l-appoġġ tiegħek li huma t’għajnuna kbira għal ħutna l-Kristjani ppersegwitati minħabba l-fidi tagħhom fi Kristu. Jalla l-Mulej ikompli jbierek lilek u lill-familja tiegħek.

◯ Qiegħed noffri dan l-ammont biex ngħin fil-ħidma tal-ACN €

◯ Nixtieq noffri dawn il-Quddies għall-intezjonijiet tiegħi:

Ammont		Mass Cards (qty) Ħajjin	Mejtin	
	Stipendji għall-Quddies €5-€10			€
	Triduum €15-€30			€
	Novena €45-€60			€
	Quddies ta’ Ringrazzjament			

Total €

Isem u Kunjom — **Qiegħed nibgħat ċekk f’isem “Aid to the Church in Need (Malta)”**

Indirizz Postali

Data tat-twelid

Tel / Mob — E-Mail — Firma

Infurmani dwar kif nista’ nagħti: ◯ għotja regolari ◯ inħalli donazzjoni bħala wirt.

Jekk l-indirizz postali tiegħek inbidel riċentement, jekk jogħġbok amenda d-dettalji tiegħek hawn fuq.